MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 203/2015

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet zzewgu fl-20 ta' Mejju 2006 fil-Knisja taz-Zellieqa, Gharghur, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, bin-numru

653/06 hekk skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A u minn liema zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Tabone, ippubblikat fit-22 ta' Dicembru tas-sena 2011 (Dok B anness) u kienu ilhom separati de facto ghal disa' xhur qabel ma gie ppubblikat il-kuntratt sabiex ilhom sseparati ghal iktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u ghal kull buon fini qed jigi hawn anness l-affidavit tal-esponenti, immarkat Dok C, u inoltre l-ebda manteniment hu dovut lill-partijiet;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju, skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku;

Rat in-nota tal-intimata, li permezz taghha iddikjarat li ma topponix ghat-talbiet tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Mejju, 2015;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Dicembru 2011, izda ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------